MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru 15/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**John sive Johan Mifsud**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fil-15 ta' Frar 2007 kontra John sive Johan Mifsud li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li

jipprokura d-droga eroina kontra l-ligi, (2) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina kontra l-ligi, (3) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' xi hadd;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-3 ta' Gunju 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-imsemmi John sive Johan Mifsud hati tal-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabuh hati tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza b'dana illi ghall-mewt ta' David Spiteri kien ikkontribwixxa wkoll l-istess David Spiteri b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, iddikjarat lill-istess John sive Johan Mifsud:

(1) hati talli fl-24 ta' Settembru 2005, f'Bormla, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

(2) hati talli fl-24 ta' Settembru 2005, f'Bormla, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi

awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan skond it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza;

(3) hati ta' omicidju nvolontarju u cio` talli fl-24 ta' Settembru 2005, f'Bormla, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' David Spiteri, u dan skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, b'dana li ghall-mewt ta' David Spiteri kien ikkontribwixxa wkoll l-istess David Spiteri b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22 (3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u l-artikoli 17(h), 23, 31, 225 u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-hati John sive Johan Mifsud ghall-piena komplessiva ta' seba' (7) snin prigunerija, b'dan li minn dan il-perijodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati u ghall-multa ta' tlett elef euro (€3000) li jekk ma jithallsux jigu konvertiti f'terminu ulterjuri ta' sitt (6) xhur prigunerija skond il-ligi kif ukoll li jhallas is-somma ta' elf, hames mija u tlieta u tmenin euro u tnejn u tletin centezmu (€1583.32) import ta' l-ispejjez tal-perizji li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi. L-ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati. L-ewwel Qorti ordnat id-distruzzjoni ta' dawk l-esebiti li fuqhom instabu tracci ta' drogi a kura tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud sakemm, fi zmien hmistax (15) il-jum mid-data tas-sentenza appellata, l-Avukat Generali b'nota ma jinfurmax lil dik il-Qorti li ghandu bzonn dawn l-esebiti jigu prezervati ghall-iskop ta' xi proceduri ohra kontra terzi u b'dan li l-

istess Deputat Registratur ghandu jirrapporta b'verbal lil dik il-Qorti meta dawn l-esebiti jigu hekk distrutti.

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, u semghet ix-xiehda ta' Dr. Moses Camilleri u tal-Probation Officer tal-hati Ivan Sultana, u qieset is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. M. Mifsud, li jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.**

**"Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara illi jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni.**

**"Qieset illi r-reat taht it-Tieni Kap, ghall-fini tal-piena, jigi assorbit fir-reat taht l-Ewwel Kap skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.**

**"Qieset ukoll illi r-reat taht l-Ewwel Kap, f'dan il-kaz partikolari, serva bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tielet Kap u ghalhekk skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat l-aktar gravi w cioe` r-reat taht l-Ewwel Kap.**

**"Qieset li l-piena ghar-reat ta' traffikar tad-droga eroina, meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti w meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita` tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghal dik ta' ghomor ma tkunx dik xierqa, l-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67."**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John sive Johan Mifsudipprezentat fit-18 ta' Gunju 2009 fejn talab li din il-Qorti tirriforma l-verdett tal-gurati u s-sentenza appellata u

tordna li jigi registrat verdett ta’ mhux hati fil-konfront tieghu fl-Ewwel u t-Tielet Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza u tikkonferma l-htija tat-Tieni Kap. Subordinatament, u fi kwalunkwe kaz, jitlob ukoll li din il-Qorti, f’kaz li tichad l-appell tieghu ghal dik li hija htija, tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hija piena billi tinfliggi piena fil-limiti tal-ligi u li tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz u l-verdett milhuq li ma kienx wiehed ta’ unanimita`; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li mill-provi processwali ma kienx hemm bizzejjed biex il-gurija ragjonevolment setghet issib htija fil-konfront tieghu almenu minghajr kwalifiki; (2) li fil-kors ta’ l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien hemm direttivi ta’ ligi zbaljati b’mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghet kellha effett determinanti fuq il-verdett raggunt mill-gurati; (3) li, fi kwalunkwe kaz u subordinatament, anki li kieku kellu jigi accettat li huwa hati, il-piena nflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija eccessiva u tmur oltre dak permess mil-ligi.

**7.** Huwa opportun li din il-Qorti tittratta fl-ewwel lok it-tieni aggravju ta’ l-appellant. Skond dan l-aggravju, filwaqt illi fl-indirizz gew spjegati d-difizi ta’ l-appellant, l-Imhallef li ppresjeda l-guri halla barra r-ragunijiet ghaliex l-appellant ma kellux ghalfejn jinstab hati ta’ l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza. Skond l-appellant, din id-difiza kienet tikkonsisti filli jekk il-gurati jemmnu x-xiehda li hu ta waqt il-guri, b’hekk ma setghux isibuh hati ta’ traffikar “ghaliex l-appellant kien qed jixtri ghalih, kif ukoll ghal David Spiteri. Bhala konsegwenza dan ma jikkostitwix traffikar, izda kien qed jixtri d-droga.” L-appellant jghid li waqt il-*break* l-avukat difensur gibed l-attenzjoni ta’ l-ewwel Qorti ghal dan in-nuqqas, u ghalkemm din id-difiza giet spjegata fi stadju differenti, “l-impatt ta’ dan”, skond l-appellant, “certament kien negattiv fuq il-gurati.”

**8.** Fil-fehma ta’ din il-Qorti t-tieni aggravju huwa ghal kollox fieragh. Huwa minnu illi meta fl-indirizz tieghu l-

Imhallef li ppresjeda l-guri elenka d-difizi[1], ma rreferiex ghad-difiza specifika msemmija fit-tieni aggravju. Pero`, meta sussegwentement irrefera ghaliha, huwa spjegaha b'mod car u dettaljat.[2] U rega' rrefera ghaliha aktar tard fl-indirizz.[3] Jigifieri l-gurati ma kellhom l-ebda diffikulta` jifhmu din id-difiza partikolari ta' l-appellant, u jifhmu li kienet difiza li kellhom ukoll jikkunsidraw, specjalment in vista tal-fatt li giet spjegata waqt li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jirreferi ghax-xiehda ta' l-appellant, u cioe` f'kuntest. Kwindi t-tieni aggravju qieghed jigi michud.

**9.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li assolutament ma kienx hemm provi sufficjenti biex gurija ragjonevoli tasal ghal konkluzjoni ta' htija oltre d-dubju ragjonevoli. Fir-rikors ta' appell tieghu huwa jaghmel dawn is-sottomissjonijiet:

"(a) Jidher li David Spiteri ma kienx miet bi droga eroina, izda bl-uzu ta' valium. L-uzu ta' valium ma' l-eroina taccellera morphine u b'hekk hija l-kawza tal-mewt. M'hemmx prova li l-eroina wahedha kienet il-kawza tal-mewt, lanqas m'hemm prova li t-tehid wahdu tal-valium huwa l-kawza tal-mewt, izda kienu t-tnejn flimkien.

(b) M'hemm l-ebda prova meta David Spiteri ha l-valium, jigifieri qabel jew wara t-tehid tal-valium.

(c) M'hemm l-ebda prova li l-appellant kien prezenti meta David Spiteri kien ha l-eroina jew kien konsapevoli meta Spiteri ha l-valium.

Illi minn dawn il-fatti jidher car li l-appellant ma kellux jigi misjub hati ta' omicidju involontarju, anki jekk kien hemm kontribuzzjoni [*recte:* kontributorjeta`] mill-mejjet, David Spiteri.

Illi mill-provi prodotti jidher car li l-overdose ma kinitx it-tehid ta' droga izda pjuttost kien minhabba li ha pilloli ta' valium. Kull ma kien ammetta fl-istqarrija guramentata ta'

---

[1] Pagna 44 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[2] Pagni 58 - 59 *ibidem*.
[3] Pagna 62 *ibidem*.

l-appellant kien li kien jaf li David Spiteri kien jiehu l-pilloli, u b'hekk tah ftit.

Illi mill-provi prodotti l-appellant ma amministrax id-droga, izda se mai skond l-istqarrija li kien ta lill-pulizija kien ittraffika d-droga. Ghat-traffikar m'hemmx ghalfejn ikun hemm it-tehid tad-droga, izda semplicement il-passagg tad-droga minn id ghal ohra.

Il-konsum kien purament ir-responsabbilta` tal-mejjet David Spiteri, li kellu kontroll assolut, sew meta ha d-droga eroina kif ukoll it-tehid tal-pilloli li kellu. L-appellant kien ikun responsabbli ta' omicidju involontarju jekk hu amministra d-droga, jew kien hu li ddecieda li jiehdu d-drogi meta kien jaf li gahdu kemm ha pillola jew pilloli tal-valium. Minn dan ma kien hemm assolutament xejn, anzi kien hemm l-oppost. Kien hemm ir-rifjut ta' l-appellant u l-insistenza tal-mejjet.

"Jidher li s-Sinjuri Gurati kienu konfuzi bejn l-akkuza ta' traffikar u l-involontarjeta` ta' l-omicidju. Dawn kienu kompletament separati u distinti. Fil-kaz ta' traffikar kien hemm l-intenzjoni specifika li l-appellant kien ghadda d-droga eroina lil David Spiteri. Izda n-negligenza u l-culpa kellha tkun oltre mit-traffikar. It-traffikar wahdu ma jgibx l-omicidju involontarju. Il-legislatur irid li l-hati jkun aktar partecipi fil-mewt tal-persuna. L-appellant jissottometti li ma kienx hu li amministra d-droga u ma kienx hu li gieghel lil David Spiteri li jiehu d-droga. Skond il-provi jidher car li David Spiteri mar wahdu jiehu d-drogi. L-appellant kien rieqed meta omm il-mejjet sabitu ma' l-art. Il-mejjet insatb ma' affarijiet konnessi mad-droga.

"B'hekk fejn kien l-appellant traskurat? Jekk kien, ghaliex gahdda d-droga lil David Spiteri,hu kien diga` nstab hati ta' traffikar. Fejn kein hemm nuqqas ta' hsieb? Hawnhekk ukoll jekk ghadda d-droga dan jikkostitwixxi traffikar. Ma kienx hemm prova li l-appellant kien jaf meta [Spiteri] kkonsuma l-pilloli jew jekk kkonsuma l-pilloli qabel it-tehid tad-droga.

“Fejn kien hemm nuqqas ta’ hila? Ma kienx l-appellant li amministra d-droga u lanqas kien prezenti meta David Spiteri ha d-droga u l-pilloli in kwistjoni.

“Illi l-artikolu 225 jistipula li jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti .... Huwa minnu li kull haga li jmiss ma’ droga eroina hija kontra l-ligi u b’hekk mhux skond ir-regolamenti, i.e. traffikar, pussess u tehid ta’ droga eroina, izda f’dan il-guri l-appellant instab hati sew ta’ traffikar kif ukoll ta’ pussess. Il-konsum huwa indipendenti mit-traffikar u l-pussess. F’kaz li l-konsum ta’ droga eroina jgib il-mewt ta’ dik il-persuna, il-hati ta’ omicidju involontarju jrid ikun partecipi u involut fil-konsum u dan billi jghin il-mejjet biex jipprepara d-droga jew jamministra d-droga. Fil-provi prodotti fil-guri juri bl-aktar mod car li l-appellant ma kienx involut fil-preparazzjoni jew fl-amministrazzjoni tad-droga eroina. B’hekk kien impossibbli ghall-gurati jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kien hati ta’ omicidju involontarju, anki jekk bi kontribuzzjoni ta’ David Spiteri.”

**10.** L-ewwel aggravju ta’ l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[4]. In ezekuzzjoni ta’ din il-

[4] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta’ April 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta’ Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta’ Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta’ Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta’ Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi**, 14 ta’ Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta’ Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta’ April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta’ Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta’ Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta’ Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta’ Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta’ Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta’ Mejju 1991.

funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u ezaminat ukoll id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw liema mill-verzjonijiet li ta l-appellant setghu jaghtuha affidament. Il-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, u jidher li waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri. Din il-Qorti tara li l-punt krucjali f'dan il-kaz kien u jibqa' l-istess, u cioe` jekk jinghatax affidament lill-verzjoni ta' l-appellant meta ghamel l-istqarrija tieghu lill-Pulizija u x-xiehda li ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti jew jekk titwemminx il-verzjoni li huwa ta meta xehed waqt il-guri dwar kif sehhew l-affarijiet.

**11.** Issa, qabel xejn din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ghalkemm l-appellant qieghed jitlob li jigi dikjarat mhux hati kemm ta' l-Ewwel Kap (dak ta' traffikar) kif ukoll tat-Tielet Kap (dak ta' omicidju involontarju) ta' l-Att ta' Akkuza, is-sottomissjonijiet li jaghmel fir-rikors ta' appell huma indirizzati lejn it-Tielet Kap. Ciononostante, iridu jsiru certi osservazzjonijiet biex jigi determinat jekk il-gurati effettivament setghux ragjonevolment u legalment jaghtu affidament ghal verzjoni aktar milli ghal ohra ta' l-appellant.

**12.** L-ewwelnett jirrizulta bhala fatt li fl-24 ta' Settembru 2005 David Spiteri miet minhabba *pulmonary oedema* kawzat mit-tehid ta' drogi. Il-prezenza ta' 6-Monoacetyl Morphine u Codeine fil-*body fluids* ikkonferma l-uzu ta' eroina filwaqt illi l-prezenza ta' Diazepam ikkonferma l-uzu ta' valium. Mix-xiehda ta' Dr. Michael Sammut jirrizulta li l-ammont ta' Diazepam fil-gisem kien f'livell terapewtiku, livell li jkun hemm go bniedem li jiehu dozi normali. "Ovvjament jekk qed tiehu l-eroina u valium fl-istess hin il-valium izid l-effett tossiku ta' l-eroina imma ma tistax tghid li kieku l-valium ma ttehidx jekk kienx ser jghix jew le."

Difatti dwar l-eroina jghid li "meta tittiehed l-eroina m'hemmx livelli li huma dawk li nghidulhom *safe* jew mhux *safe*; il-livelli kollha jistghu jkunu fatali minhabba t-tolleranza tal-persuna, kemm il-persuna huwa mdorri li jiehu." Galadarba l-livell ta' Diazepam fil-gisem ta' David Spiteri kien dak terapewtiku, jista' jinghad illi kieku ma ghamilx uzu mill-eroina, ma kinitx tigri l-mewt.

**13.** Issa, mix-xiehda ta' l-Ispettur Pierre Grech jirrizulta li waqt l-investigazzjonijiet huwa kellem lill-appellant taht *caution* u verbalment qal lill-Ispettur Grech li fl-24 ta' Settembru 2005 David Spiteri kien mar ghandu (ghand l-appellant) u beda jiffittah u jghidlu biex itieh id-droga, "dejjaqlu l-pacenzja" u fil-fatt tah pakkett droga filwaqt illi l-appellant rega' mar jorqod. Wara l-appellant irrilaxxja stqarrija fejn bazikament jidher li rrepeta dak li kien diga` qal lill-Ispettur Grech. Qal li waqt li kien qieghed jara t-TV, mar David Spiteri "jredden u jeqred biex jiena ntieh l-eroina". Tant kemm dejqu li tah pakkett eroina minghajr hlas, David telaq 'l hemm, wara xi hin mar jorqod u qajmitu zitu tghajjat li David gralu xi haga. Aktar tard l-appellant ikkonferma dan bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Waqt li kien qieghed jixhed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, qal li ried jiccara fattur "u cioe` illi l-pakkett ta' eroina li sabu fuq David mhux mehud mill-magazines li sabu fil-kamra tieghi. Jiena nghid illi lil David tajtu d-droga f'karta kienet bajda …. U tajtu ftit hafna ghax naf li ma jiflahx ghaliha d-droga, u dan jibla' l-pilloli kartuna f'kartuna, dawn huma Valium 5. Din id-droga li tajt lil David kienet qieghda go borza u tajtu ftit minnha go pakkett li ghamilt b'karta bajda." Kompla jghid li l-bqija tad-droga fflaxxjaha fit-toilet. Waqt ix-xiehda tieghu gie muri mill-Ispettur Grech zewg magazines, bicciet minnhom imqattghin fuq gewwa, u zewg bicciet karti, wahda li nstabet fi skip u l-ohra hdejn David Spiteri, u wahda minnhom b'hafna abjad fuq naha, u gie mistoqsi jistax ikun li d-droga li ta lil David kienet l-istess karta li kien qieghed jara u wiegeb li jista' jkun. Mistoqsi jekk rax lil David jiehu d-droga wiegeb fin-negattiv. "Hu kien jitlobni naghtihielu, u jiena nghid illi lilu ma naghtihielux ghax ma jiflahx ghaliha. Ghalhekk jiena tajtu l-pakkett u daqshekk."

Huwa temm jghid: “Issa illi ghidt kollox jiena qed nerga’ nahsibha u naghzel li niffirma l-istqarrija.”

**14.** Meta xehed waqt il-guri, l-appellant sostna li mal-Pulizija ma kienx qal il-verita` ghax “kelli biza’ plus ix-xokk li kelli kif rajt lil David, kelli tensjoni kbira, biza’ kbira.” Qal li fil-gurnata in kwistjoni kien mar David Spiteri jibki li qieghed “sick”, ma jiflahx jimxi, jugghu l-ghadam, u qallu ha jcemplu lil wiehed biex imur jaqdihom, certu Joseph Bonett. Cempillu David Spiteri minn xi *telephone box*. Wasal dan Joseph Bonett li ma riedx itieh ghax kien jaf li kellu problema li ma jiflahx ghad-droga ghax kienu jinqdew minghandu. “U minn hawn u minn hemm tah Joseph, konna ser naqsmu pakkett ta’ five, hrigna zewg liri u nofs kull wiehed, nahseb lanqas kellu flus dakinhar, ma nafx kif kien ezatt.” L-appellant qal li lil David qallu li ma kienx se jiehu. Bonett ta l-pakkett lil David u hallas hu, l-appellant. L-appellant sostna li lil Bonett ma kienx kiexfu dakinhar ghax “kelli biza’ li jekk ser nikxfu ser jinqalghu hafna affarijiet.” Insista li l-verita` kienet dik li kien qieghed jghid waqt il-guri u qal li jekk jittiehdu passi kontra Joseph Bonett ma jsib l-ebda problema jixhed. In kontro-ezami qal li xtraw id-droga imma mbaghad ma riedx jiehu u hadha David wahdu. Ikkonferma li l-flus harighom hu, l-appellant. Kien jaf li David Spiteri kellu problema ta’ droga u li kien jiehu l-valium. Mistoqsi kienx qed jigdeb meta lill-Pulizija qallhom li kien tah ftit hafna ghax jaf li ma jiflahx ghad-droga, wiegeb: “Ghalhekk fil-fatt xtara pakkett ta’ five ghax huwa ftit hafna.”

**15.** Din il-Qorti hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment u legalment jemmnu l-ewwel verzjoni li ta l-appellant, u cioe` li kien hu li ta pakkett droga lil David Spiteri, ghal diversi ragunijiet. Fl-istqarrija tieghu l-appellant ghazel li jwiegeb numru ta’ mistoqsijiet billi jghid “Ma nafx”. Meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti ghazel li jwiegeb diversi minn dawn il-mistoqsijiet, iccara xi affarijiet minn rajh u stqarr il-kliem riprodott *supra*[5]: “Issa illi ghidt kollox jiena qed nerga’ nahsibha u naghzel li niffirma l-istqarrija.” Fil-fatt huwa ffirma l-istqarrija li kien

[5] Paragrafu 12.

ghamel lill-Pulizija u li qabel kien ghazel li ma jiffirmax. Din id-dikjarazzjoni u l-fatt li ghazel li anke jiffirma l-istqarrija setghu sahhew il-fehma tal-gurati li l-verita` kienet proprju dik u li dak li pprova jaghmel waqt il-guri l-appellant kien tentattiv ta' *damage reduction*. Barra minn hekk, kif din il-Qorti diga` osservat[6], il-gurati kellhom l-opportunita` jaraw u josservaw lill-appellant, u setghu nnutaw xi inkonsistenzi fix-xiehda tieghu. Bhal meta l-ewwel jghid li hargu zewg liri u nofs kull wiehed biex hu u David Spiteri jixtru d-droga minghand Bonett, imbaghad li hareg il-Lm5 hu. Jew bhal meta l-ewwel jghid li Bonett ta l-pakkett lil David imbaghad David "telaq 'il barra" u hu baqa' fuq is-sodda, imbaghad jghid li t-transazzjoni saret hdejn id-dar, fit-triq. Jew bhal meta jghid: "Xtrajt id-droga biex nehduha imma mbaghad hadha David", imbaghad jghid li "[David] xtara pakkett ta' five ghax huwa ftit hafna".

**16.** Din il-Qorti tkompli tosserva illi l-gurati setghu wkoll ma qisux sodisfacenti l-ispjegazzjoni li ta dwar ghaliex ma semmiex lil Joseph Bonett mill-ewwel. Difatti waqt il-guri kull ma qal kien li ma semmiehx ghax kellu "biza' li jekk ser nikxfu ser jinqalghu hafna affarijiet", minghajr ma jispjega x'setghu kienu dawn l-affarijiet. Skond l-appellant l-unika relazzjoni li kellu ma' Bonett kien li kien jissupplixxi lilu, lil David Spiteri u lil Giovanni Spiteri (hu David) bid-droga. Giovanni Spiteri waqt konfront jichad li kien jakkwista minghand Joseph Bonett izda jghid li l-appellant gieli xtara minghand Bonett. Mhuwiex inverosimili li persuna ma tkunx trid tirrivela s-*supplier* taghha, izda fejn si tratta ta' mewt m'hemmx dubju li l-gurati setghu kkunsidraw li mhuwiex verosimili li persuna mhux biss ma tghidx minn fejn giet id-droga izda sahansitra li tiehu t-tort kollu hi.

**17.** Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti tasal biex tghid illi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument kellu jitwemmen dak li xehed l-appellant waqt il-guri, jekk, kif jghid, kien hu li hallas ghall-pakkett eroina li allegatament gie konsenjat lil David Spiteri minn Joseph Bonett, dan ma jezimiehx mir-responsabbilta`. Ghax, dejjem skond dak li jirrizulta mix-

6 *Supra* paragrafu 10.

xiehda tieghu, dan Bonett ma riedx itieh lil David ghax kien jaf li ma jiflahx ghad-droga. "U minn hawn u minn hemm tah Joseph, konna ser naqsmu pakkett ta' five …." Kif ipoggiha l-appellant skond din il-verzjoni, l-uniku mod kif dan jiftiehem hu li Bonett accetta li jaghti d-droga ghax allegatament kienu ser jaqsmu.

**18.** Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, it-talba ta' l-appellant biex jigi dikjarat mhux hati ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza ma tista' b'ebda mod tigi milqugha.

**19.** Kwantu ghat-Tielet Kap, dak ta' omicidju involontarju, Vincenzo Manzini jghid dwar dan ir-reat: "*L'elemento soggettivo del delitto di omicidio colposo consiste nella volontarieta` della condotta negligente, imprudente, insescusabilmente imperita, o inosservante di leggi, regolamenti, ordini o discipline, che ha cagionato involontariamente la morte di alcuno*."[7] **Francesco Carrara** jispjega: "*Nei fatti colposi il corpo puo` essere attivo, perche` faccia quegli atti da cui nasce l'effetto dannoso, ma l'animo e` sempre inattivo, perche` non spinge il suo calcolo alla previsione di tali effetti*."[8]

**20.** Fil-kaz in ezami, l-appellant kien il-mezz ta' kif l-eroina twasslet ghand David Spiteri. L-appellant kien jaf li David Spiteri "ma kienx jiflah ghaliha". U b'riferenza ghall-pilloli Valium 5 l-appellant kien jaf li David Spiteri kien "jibla' l-pilloli kartuna f'kartuna". Inoltre l-appellant stess, fix-xiehda tieghu waqt il-guri, jghid illi lil David Spiteri qallu li hu (l-appellant) ma kienx se jiehu minhabba l-pilloli li hu stess kien qed jiehu. Imbaghad huwa fatt ben maghruf, anke fost dawk li jabbuzaw mill-eroina, illi l-eroina tista' twassal ghall-mewt ghalkemm fl-istess hin dan il-fattur ma joqoghdux iqisuh. Dr. Michael Sammut fix-xiehda tieghu, kif diga` osservat[9], jikkonferma li "meta tittiehed l-eroina m'hemmx livelli li huma dawk li nghidulhom *safe* jew mhux *safe*; il-livelli kollha jistghu jkunu fatali minhabba t-tolleranza tal-persuna, kemm il-persuna huwa mdorri li

---

[7] Vincenzo Manzini, *op. cit.*, Vol. VIII, §2928, p. 164.
[8] Francesco Carrara, "Programma del Corso di Diritto Criminale" Parte Generale Vol. I, §82, p. 90.
[9] *Supra*, para. 12.

jiehu." Mela jekk l-appellant kien jaf li David Spiteri ma kienx jiflah ghall-eroina, jekk kien jaf li ma kellhiex tittiehed minn persuna li kienet qed tiehu medicinali, seta' jipprevedi l-konsegwenzi izda fic-cirkostanzi ma pprevedihomx. Ghalhekk anke dwar it-Tielet Kap il-gurati setghu ragjonevolment u legalment jikkonkludu li l-appellant kien hati tar-reat hemm addebitat.

**21.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid illi ghalkemm il-piena hija vicin hafna l-minimu, dan ma kienx kaz li kellu jmur guri. It-traffikar u l-pussess kien ta' ftit grammi u m'ghandux igib piena sproporzjonata mar-reat u l-konswetudini tal-Qorti. Meta paragunata ma' kazijiet ohra, il-piena kienet harxa zzejjed.

**22.** L-ewwelnett, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.[10] Imbaghad, kif dejjem jinghad, il-paraguni huma odjuzi u kull kaz irid jigi trattat fuq il-merti tieghu. F'dan il-kaz, kif korrettement jghid l-appellant, il-piena hi vicin il-minimu u hija piena li wkoll taqa' fil-parametri tal-piena li setghet tigi nflitta mill-Qorti tal-Magistrati kieku l-kaz gie deciz minn dik il-Qorti. Inoltre, kien x'kien l-ammont ta' droga involut, dan wassal ghall-mewt ta' persuna. Il-fatt li l-appellant ilu numru ta' snin ma jiehu xi forma ta' droga huwa fattur pozittiv fl-interess kemm tieghu stess kif ukoll tas-socjeta`. Dan ma jfissirx illi m'ghandux jaghmel il-kontijiet mas-socjeta`. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti Kriminali ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tal-piena.

**23.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum u l-perijodu li fih l-Avukat Generali jrid jinforma lill-Qorti li ghandu

[10] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Carmelo Ebejer**, 4 ta' Novembru 2009; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

bzonn li l-esebiti jigu preservati jibda wkoll jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------